

32005D0929

23.12.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 340/61

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Diċembru 2005

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali fuq it-Tariffi u n-Negożju (GATT) ta' l-1994

(2005/929/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Marzu 2004 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' ċertu Membri oħra tad-WTO taħt l-Artikolu XXIV:6 tal-Ftehim Ġenerali fuq it-Tariffi u n-Negożju (GATT) ta' l-1994, matul l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja.
- (2) In-negożjati tmexxew mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tat-Trattat u fi ħdan il-qafas ta' direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill.
- (3) Il-Kummissjoni ffinalizzat in-negożjati għal Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT ta' l-1994. Dan il-ftehim għandu għalhekk ikun approvat.

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT ta' l-1994 rigward l-irtirar ta' konċessjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' l-irtirar ta' l-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja matul l-adeżjoni tagħhom fil-Komunità Ewropea, huwa hawnhekk approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar Persuna(i) li jkollhom is-setgħa li jfirmaw il-Ftehim sabiex jorbtu lill-Komunità ⁽¹⁾.

Magħmul fi Brussel, nhar it-13 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
J. GRANT

⁽¹⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tkun publikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

FTEHIM

fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea skond l-artikolu xxiv:6 u l-artikolu XXVIII tal-ftehim ġenerali fuq it-tariffi u n-negozju (GATT) ta' l-1994

A. Ittra mill-Komunità Ewropea

Brussel, 13 ta' Diċembru 2005

Sinjur,

Wara l-bidu ta' negozjati bejn il-Komunitajiet Ewropew (KE) u r-Repubblika tal-Korea taħt l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT ta' l-1994 għall-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja matul l-adeżjoni taghom fil-KE, dan li ġej qed jiġi maqbul bejn il-KE u r-Repubblika tal-Korea sabiex jingħalqu n-negozjati miftuħa wara n-notifika tal-KE tad-19 ta' Jannar ta' l-2004 fid-WTO skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT ta' l-1994.

Il-KE taqbel li tinkorpora fl-iskeda tagħha għat-territorju doganali tal-KE ta' 25, il-konċessjonijiet li kienu inklużi fl-iskeda preċedenti tagħha.

Il-KE taqbel li tintroduċi r-rati aktar baxxi applikati li ġejjin:

8525 40 99: rata aktar baxxa applikata ta' 12,5 %

3903 19 00: rata aktar baxxa applikata ta' 4 %

8521 10 30: rata aktar baxxa applikata ta' 13 %

8527 31 91: rata aktar baxxa applikata ta' 11,4 %

Ir-rati aktar baxxi applikati li huma indikati hawn fuq għandhom jiġu applikat għal tliet snin jew sakemm l-implimentazzjoni tar-Riżultati ta' l-Aġenda ta' l-Iżvilupp ta' Doha tilħaq il-livell tat-tariffa t'hawn fuq, skond liema sseħħ l-ewwel. Ir-rata aktar baxxa applikata fuq 8525 40 99 għandha tiġi applikata għal erba' snin jew sakemm l-implimentazzjoni tar-Riżultati ta' l-Aġenda ta' l-Iżvilupp ta' Doha tilħaq il-livell tat-tariffa t'hawn fuq, skond liema sseħħ l-ewwel. Il-perjodi indikati hawn fuq jibdeu fid-data ta' l-implimentazzjoni.

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-KE tirċievi mingħand ir-Repubblika tal-Korea ittra ta' ftehim eżegwita kif xieraq, wara konsiderazzjoni mill-partijiet skond il-proċeduri tagħhom. Il-KE tobbliga ruħha li tagħmel użu mill-aqwa kapaċitajiet tagħha biex tiżgura li l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri jidħlu fis-seħħ mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2006.

Sinjur, nitolbok tkun assigurat bl-akbar rispett tiegħi.

Fisem il-Komunità Ewropea

B. *Ittra mir-Repubblika tal-Korea*

Brussel, 13 ta' Diċembru 2005

Sinjur,

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek li tistqarr:

“Wara l-bidu ta’ negozjati bejn il-Komunitajiet Ewropew (KE) u r-Repubblika tal-Korea taħt l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT ta’ l-1994 għall-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta’ l-Estonja, ir-Repubblika ta’ Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta’ l-Ungerija, ir-Repubblika ta’ Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja matul l-adeżjoni taghom fil-KE, dan li ġej qed jiġi maqbul bejn il-KE u r-Repubblika tal-Korea sabiex jingħalqu n-negozjati miftuħa wara n-notifika tal-KE tad-19 ta’ Jannar ta’ l-2004 fid-WTO skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT ta’ l-1994.

Il-KE taqbel li tinkorpora fl-iskeda tagħha għat-territorju doganali tal-KE ta’ 25, il-konċessjonijiet li kienu inklużi fl-iskeda preċedenti tagħha.

Il-KE taqbel li tintroduċi r-rati aktar baxxi applikati li ġejjin:

8525 40 99: rata aktar baxxa applikata ta’ 12,5 %

3903 19 00: rata aktar baxxa applikata ta’ 4 %

8521 10 30: rata aktar baxxa applikata ta’ 13 %

8527 31 91: rata aktar baxxa applikata ta’ 11,4 %

Ir-rati aktar baxxi applikati li huma indikati hawn fuq għandhom jiġu applikat għal tliet snin jew sakemm l-implimentazzjoni tar-Riżultati ta’ l-Aġenda ta’ l-Iżvilupp ta’ Doha tilħaq il-livell tat-tariffa t’hawn fuq, skond liema sseħħ l-ewwel. Ir-rata aktar baxxa applikata fuq 8525 40 99 għandha tiġi applikata għal erba’ snin jew sakemm l-implimentazzjoni tar-Riżultati ta’ l-Aġenda ta’ l-Iżvilupp ta’ Doha tilħaq il-livell tat-tariffa t’hawn fuq, skond liema sseħħ l-ewwel. Il-perjodi indikati hawn fuq jibdew fid-data ta’ l-implimentazzjoni.

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-KE tirċievi mingħand ir-Repubblika tal-Korea ittra ta’ ftehim eżegwita kif xieraq, wara konsiderazzjoni mill-partijiet skond il-proċeduri tagħhom. Il-KE tobligha ruħha li tagħmel użu mill-aqwa kapaċitajiet tagħha biex tiżgura li l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri jidħlu fis-seħħ mhux aktar tard mill-1 ta’ Jannar 2006.”

Għandu l-unur li nesprimi l-ftehim tal-gvern tiegħi.

Sinjur, nitlobok tkun assigurat bl-akbar rispett tiegħi.

Fisem ir-Repubblika tal-Korea

